MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 354/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR NEIL HARRISON**

**VS**

**ALVIN SCHEMBRI**

**Illum 19 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alvin Schembri, ta’ 28 sena, iben Victor u Jeanette nee’ Rizzo, imwieled, San Giljan fit-28 ta’ Awissu 1975, joqghod 439, Rue D’Argens, Gzira u detentur ta’ karta tal-identita’ numru 435075 M;

Talli f’dawn il-Gzejjer fit-18 ta’ Frar 2000, u matul l-ahhar tnax-il-xhur qabel din id-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/I jew ghal-persuna/I, minghajr ma’ kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap 101, tal-ligijiet ta’ Malta;

b) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabin Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-

Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

c) Talli ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija il-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Marzu 1999.

Wara illi rat l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, u r-regolamenti 4 u 8 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt illi qeghda tikkundanna lill-imsemmi Alvin Scbembri ghall- hlas ta' mitejn lira maltin (lm200) multa), temmen illi piena karcerarja hija mperattiva f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lill-istess Alvin Schembri ghal piena karcerarja ghall-perjodu ta' sentejn (2), pero' tissuggerixxi bil-qawwa illi l-imputat

jiskorri dawn is-sentejn (2) fi programm ghall-kura tad-drogi, u dan stante il-biza' li l-imputat jista' jkollu problemi ohra fil-facilita' korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

Din il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------